# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 26 ta' Jannar, 2022.**

**Numru 38**

**Rikors numru 544/15/1 CFS**

**Oswald Wismayer, Philip Wismayer, Roland Wismayer, Tanya Wismayer u t-tfal taghha Matthew Wismayer u Rachel Calleja Wismayer, Anthony Wismayer**

**v.**

**Gloria Zampa, Lorraine Bezzina, Elizabeth Farrugia Wismayer, Gillian Degaetano**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu provvediment wara rikors li ressqu l-atturi f'din il-kawza quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili biex tammetti bhala xhud lil Edward Camilleri. L-imsemmija Prim Awla b'digriet tal-10 ta' Novembru, 2020,

cahdet it-talba tal-atturi. L-atturi gew awtorizzati mill-istess Prim Awla jintavolaw appell minn dak id-digriet.

2. L-ewwel Qorti cahdet it-talba ghas-smigh ta' dan ix-xhud peress li dan kien sejjer jixhed fuq x'qalet quddiemu wahda mill-konvenuti u li, allura, dan jikkonsisti f'*detto del detto*. Dan ix-xhud allegatament sema' lill-konvenuta Gillian Degaetano tghid li hi kienet taf li l-genituri tal-partijiet kellhom kont f'bank gewwa Svizzera. Il-kawza nnifisha titratta stharrig u likwidazzjoni tal-assi formanti parti mill-eredita` ta' Carmelo u Giulia Wismayer, il-genituri tal-kontendenti, liema likwidazzjoni tinvolvi numru ta' kontijiet bankarji kemm f'Malta kif ukoll fl-esteru. L-allegazzjoni hi li l-genituri kellhom xi somma flus imdaqqsa fi Svizzera li sparixxew u spiccaw f'idejn il-konvenuti jew min minnhom.

3. Il-perit legali li gie mahtur mill-ewwel Qorti biex jghinha fl-istharrig kien talab direzzjoni ghandux jidhol aktar fil-fond ta' din il-materja, u l-ewwel Qorti dderigietu jinvestiga mal-banek lokali u mal-partijiet interessati ghal dan il-ghan. Jidher li l-perit legali qed isib diffikultajiet fl-inkarigu lilu moghti, u kull ghajnuna li tista' tinghatalu ma ghandhiex tigi mwarrba. Id-diskors li setghet qalet Gillian Degaetano mhux probabbli li jitfa' wisq dawl fuq il-kwistjoni, pero` jkun tajjeb li wiehed jisma' minn fomm ix-xhud stess x'intqal quddiemu, bi dritt, ovvjament, ta' Gillian Degaetano li tixhed u taghti l-verzjoni taghha ta' x'gara u x'intqal.

4. Fid-dawl tan-natura tal-kawza u l-allegazzjoni ta' flus li sparixxew, ikun jaqbel li jinstema' dan ix-xhud biex kull informazzjoni, safejn hu possibbli, tingabar.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-atturi billi tilqa' l-istess, tirrevoka d-digriet li tat l-ewwel Qorti fl-10 ta' Novembru, 2020, u tippermetti li mal-lista tax-xhieda tal-atturi jizdied l-isem ta' Edward Camilleri.

L-ispejjez ta' dan il-provvediment jithallsu mill-konvenuti *in solidum*.

Tordna lir-Reġistratur sabiex jibgħat l-atti lura quddiem l-ewwel Qorti biex tissokta bis-smigħ tal-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr